

32001R1253

27.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 173/31

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1253/2001

tas-26 ta' Ġunju 2001

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1227/2000 li jippreskrixi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, fir-rigward tal-produzzjoni potenzjali**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2826/2000 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000 tal-31 ta' Mejju 2000 li jippreskrixi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-inbid, fir-rigward tal-produzzjoni potenzjali (³), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 784/2001 (⁴), jippreskrixi regoli dwar l-iffinanzjar tas-sistema ta' l-istrutturar u konverżjoni.
- (2) Għas-sena finanzjarja 2000-01, saru allokazzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/503/KE tal-25 ta' Lulju 2000 li tiffissa allokazzjoni finanzjarja indikattiva, għal numru ta' ettari, mill-Istat Membru għall-istrutturar u l-konverżjoni ta' vinji skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 għas-sena tas-suq 2000-01 (⁵).
- (3) B'mod partikolari, ir-regoli jiddisponu għar-riċiklaġġ ta' spejeż allokati lil Stat Membru iżda li ma jkunux attwalment saru sat-30 ta' Ġunju lil Stati Membri oħra li jitkolbu dawn il-fondi u li attwalment sat-30 ta' Ġunju ikunu weħlu l-ispiża kollha allokata lilhom. Ir-regoli jiddisponu wkoll għal tnaqqis fl-ammonti allokati lil Stati Membri fis-snin finanzjarji sussegamenti meta dak l-Istat Membru jkun għadu attwalment ma weħilx bl-ispiża kollha allokata lilu f'dik is-sena finanzjarja.
- (4) Matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni tas-sistema ta' strutturar u konverżjoni, xi Stati Membri sabu diffikultajiet fil-formazzjoni u l-applikazzjoni tas-sistema. L-applikazzjoni tar-regoli fl-Artikoli 16 u 17 twassal għal tnaqqis eċċessiv fl-ammonti disponibbi għall-istrutturar u konverżjoni f'dawk l-Istati Membri fis-sena finanzjarja kurrenti u dik ta' wara. Fi Stati Membri oħra, dawn id-diffikultajiet kienu inqas severi iżda jfisser għalihom li mhumiex se jkunu kapaċi jofn fuq l-allocazzjoni kollha tagħhom sat-30 ta' Ġunju, iżda li se jkunu kapaċi jagħmlu dan sal-15 ta' Ottubru.

(¹) ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.

(²) ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 1.

(³) ĠU L 143, tas-16.6.2000, p. 1.

(⁴) ĠU L 113, ta' l-24.4.2001, p. 4.

(⁵) ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 4.

(5) Għaldaqstant, huwa xieraq illi, fuq bażi transitorja għas-sena finanzjarja 2000-01, jittaffa dan it-tnaqqis eċċessiv billi tinħoloq il-possibilità li jkunu riċiklati l-ispejjeż li ma jkunux saru sat-30 ta' Ġunju 2001 għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma weħlux l-allocazzjoni kollha tagħhom sa dik id-data, flimitu xieraq.

(6) Huwa xieraq ukoll, fuq bażi transitorja għas-sena finanzjarja 2000-01, li tinħoloq il-possibilità li jiġu riċiklati l-ispejjeż li ma jkunux saru sat-30 ta' Ġunju 2001 lill-Istati Membri li jkunu nefqu proporzjon sinifikanti ta' l-allocazzjoni tagħhom, fil-limiti ta' l-allocazzjoni inizjali tagħhom.

(7) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu t-talbiet previsti minn dan ir-Regolament, huwa meħtieġ illi jidħol fis-seħħ sat- 30 ta' Ġunju 2001 l-aktar tard.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Inbid,

### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### L-Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000:

##### “8. Fir-rigward tas-sena finanzjarja 2000-01:

- (a) Stat Membru li jinnotifika lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(1)(a) ammont inqas minn 75 % ta' l-allocazzjoni finanzjarja magħmula lil dak l-Istat Membru bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/503/KE (\*) jista' jibgħat lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, talba għal finanzjar sussegamenti tan-nefqa fis-sena finanzjarja 2000-01 iktar mill-ammont notifikat lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(1)(a);
- (b) talba magħmula minn Stat Membru skond il-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha tiġi aċċettata sal-limitu li l-ammont tas-somma aċċettata u l-ammont notifikat skond l-Artikolu 16(1)(a) ma jeċċedix 75 % tal-ammont finanzjarju totali allokati lil dak l-Istat Membru bid-Deċiżjoni 2000/503/KE. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri malajr kemm jista jkun wara t- 30 ta' Ġunju bil-limitu sa fejn it-talbiet jistgħu jkunu aċċettati;

- (c) Stat Membru li jinnotifika lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(1)(a) ammont minn ta' l-inqas 75 % ta' l-allokazzjoni finanzjarja magħmula lil dak l-Istat Membru bid-Deċiżjoni 2000/503/KE iżda inqas mit-total ta' dik l-allokazzjoni finanzjarja, jista' jibgħat lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, talba għall-finanzjar sussegwenti tan-nefqa fis-sena finanzjarja 2000-01 iktar mill-ammont notifikat lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(1)(a);
- (d) talba magħmula minn Stat Membru skond il-punt (c) ta' dan il-paragrafu għandha tīġi aċċettata sal-limitu li s-somma ta' l-ammont aċċettat u l-ammont notifikat skond l-Artikolu 16(1)(a) ma teċċedix l-ammont finanzjarju totali allokat lil dak l-Istat Membru bid-Deċiżjoni 2000/503/KE. Il-Kummissjoni għandha tinnotifikasi lill-Istati Membri malajr kemm jista jkun wara t-30 ta' Ġunju bil-limitu sa fejn it-talbiet jistgħu jkunu aċċettati;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Ġunju 2001.

(e) b'deroga mill-paragrafu 2, talbiet magħmula minn Stati Membri skond l-Artikolu 16(1)(b) għandhom ikunu aċċettati fuq bażi *pro rata*, billi jintuża l-ammont disponibbi wara t-tnaqqis, għall-Istati Membri kollha, tas-somma total ta' l-ammonti notifikati skond l-Artikolu 16(1)(a) u t-total ta' l-ammonti aċċettati skond il-punti (b) u (d) ta' dan il-paragrafu mill-ammont totali finanzjarju allokat lill-Istati Membri bid-Deċiżjoni 2000/503/KE. Il-Kummissjoni għandha tinnotifikasi lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun wara t-30 ta' Ġunju bil-limitu sa fejn it-talbiet jistgħu jkunu aċċettati.

(\*) ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 4."

#### *L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*